**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 96 – IT-TNEJN, 11 TA' DIĊEMBRU 2017 FIL-5.30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| | |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |

## 1 Approvazzjoni Minuti Numru 95

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti mtella mill-Minuti 95

2.1 Rigward paragrafu 7.5 ġie innutat li l-multa għadha pendenti.

2.2 Rigward paragrafu 7.6 ġie innutat li intbagħtu l-kummenti tal-Kunsill.

## 3 Pagamenti Numru 83

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm 5 favur u 1 kontra. Is-Sinjura Marica Bayliss ma qablitx mal-pagament numru 35. Kien hemm qbil ukoll li jitħallsu 50 Ewro lil Homefix u 232.50 Ewro lil CH Catering.

**4 Tender SGNLC/T/3/17 Cleaning of dog park / picnic area + doggie bins**

4.1 Ġew innutati 5 offerti għal din it-tender. Ġew innutati li l-ewwel tliet offerti kienu “below cost”, meta wieħed iqis l-ispejjeż involuti, ma kinitx adekwata biex jitħallsu l-pagi għall-ħaddiema mitluba u għalhekk kienet ser tiġi taħt il-prekarjat. Għal din ir-raġuni kien hemm diskussjoni rigward iż-żewġ offerti l-oħra, dawk ta’ Waste Collection Ltd u Galea Cleaning Solutions.

4.2 Is-Sur Trevor Fenech ppropona li tiġi aċċettata l-offerta ta' Waste Collection Ltd peress li din kienet l-irħas offerta minn dawn it-tnejn. Is-Sur Bonello Du Puis issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**5 Tender SGNLC/T/4/17 Outside Picnic Equipment għal Wied Għomor**

5.1 Ġew innutati 3 offerti għal din it-tender. Ġiet innutata li l-offerta ta' Greenlines Ltd kienet tinkludi BBQ tal-ħadid li hija kontra kif ġiet mitluba fit-tender. Għal din ir-raġuni din l-offerta ġiet imwarrba.

5.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li tintgħażel l-offerta ta' SR Services peress li din kienet l-irħas offerta u skont l-ispecifications mitluba. Is-Sinjuri Rita Saliba u Joan Farrugia ssekondaw. Kien hemm qbil unanimu.

**6 Komunikazzjoni mis-Sindku**

6.1 Kien hemm qbil li tinxtara camera ġdida għall-Kunsill. Is-Sindku għandu jara l-ispecifications ta' din il-camera.

6.2 Kien hemm diskussjoni rigward talba mill-KAC biex issir press release rigward il-bżonn ta' resurfacing ta' Triq il-Ġojjin. Kien hemm qbil li din ma ssirx għalissa.

6.3 Kien hemm qbil li jinxtraw diaries għall-Kunsill.

6.4 Kien hemm diskussjoni rigward diskussjoni li kien hemm ma’ Malta Street Art Collective. Kien hemm qbil li l-Kunsill jagħti l-appoġġ lil din l-għaqda biex jitkompla jsiru murials f'San Ġwann.

**7 Korrispondenza**

7.1 Kien hemm qbil li l-Kunsill jieħu sehem fi Tree Planting Ceremony fil-masġar fid-19 ta' Jannar 2018.

7.2 Ġie innutat li t-talba għal barrier fit-triq li hemm f’Wied Għomor tiġi fil-konfini tas-Swieqi u mhux ta' San Ġwann.

7.3 Kien hemm qbil li l-ikla tal-Milied issir il-Ġimgha, 5 ta' Jannar 2018.

7.4 Ġie innutat il-Premju Soċjetà Gusta

7.5 Kien hemm qbil li jigi approvat 3 street advertizing bollarad, skond il-bye law, ghal dentist li jinsab fi Triq Carmen Mallia.

7.6 Kien hemm diskussjoni rigward talba biex it-tabelli tan-No Entry li jinsabu fi Triq San Frangisk kantuniera ma’ Triq in-Naxxar jersqu ’l fuq biex ikun hemm aċċess għall-parkeġġ li hemm fil-bidu tat-triq, simili ħafna bħalma hemm fin-Naxxar. Kien hemm qbil li ssir talba lil TM.

**8 Affarjiet ohra**

8.1 Is-Sur Dominic Cassar ippropona li ssir bozza oħra fit-triq li hemm f'Wied Għomor. Kien hemm qbil unanimu. Hu nforma lill-Kunsill ukoll li hemm bżonn li jsru tiswijiet f'waħda mill-outside gym equipment fil-masġar.

8.2 Is-Sinjura Joan Farrugia lmentat li hemm bżonn ta' aktar attenzjoni fuq il-knis fi Triq in-Naxxar. Hi lmentat ukoll li hemm bozza nieqsa fi Triq J F Marks peress li kien hemm twaqqiegħ ta' bini li kien hemm bozza mwaħħla miegħu.

**9 Għeluq il-Laqgħa**

9.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 8 ta' Jannar 2018 fil-5.30pm.

_________________________

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

_________________________

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**